# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 3538/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paul Camilleri**

Illum is-sitta (6) ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Paul Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0250369(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' 16.50hrs f'Triq Dun Karm, Birkirkara saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni ALERT:

1. b'manjiera traskurata;

2. b'manjiera perikoluża;

3. naqas li jżomm man-naħa tax-xellug tat-triq jew waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tiegħu b'sinjal meta kien ser jibdel id-direzzjoni tiegħu jew jaqbeż vettura, żiemel jew frat;

4. b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti nvolontarjament ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Kevin Brincat mingħajr il-konsegwenzi msemmijin f'Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. John Bondin M.D. mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tnaqqas il-punti mil-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit f'Regolament 36B u fis-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru 2024 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-27 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Paul Camilleri ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-appellat Paul Camilleri għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-5 ta' Frar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Novembru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw akkadut li seħħ fis-7 ta' Novembru 2022. Il-*parte civile* Kevin Brincat jgħid li kien qed isuq mutur tax-xogħol fi Triq Dun Karm lejn id-direzzjoni ta' Ħal-Lija. Jgħid li huwa kien għaddej fuq il-*lane* tax-xellug meta għadda għal fuq il-*lane* tal-lemin biex jagħmel manuvra ħalli jaqla' xi vetturi. Jispjega li waqt li kien kważi qabeż il-vettura tal-appellat dan ta' l-aħħar beda jaqleb il-*lane* mingħajr preavviż u laqatlu l-mutur b'dana illi tefgħu fl-arblu tad-dawl. Il-*parte civile* jispjega li l-appellat waqaf jgħinu jerfa' l-mutur u f'dak il-mument peress li ma kienx qed iħoss ħafna uġigħ huwa ma rax li kien hemm għalfejn jiġu l-Pulizija u ddeċieda li jmur ix-xogħol. Jisħaq li rkopptu bdiet iżżid fl-uġigħ u ommu marret għalih ix-xogħol u wasslitu l-isptar fejn dam jistenna xi sigħat. Jispjega li huwa ġie ċertifikat li sofra ġrieħi fil-galletta ta' rkopptu.

Illi minn naħa tiegħu l-appellat jiċħad li huwa mess il-mutur misjuq mill-*parte civile* u jispjega li waqt li kien wieqaf fit-traffiku huwa nnota li kien hemm spazju fuq il-*lane* ta' ħdejh li kien qed jimxi u allura, wara li xegħel l-*indicator* u ra li ma kien ġej ħadd, beda jaqsam il-*lane*. Jgħid li f'dan il-mument għadda minn ħdejh il-mutur tal-*parte civile* u jgħid (l-appellat) li huwa ma raħx minn qabel lil dan il-mutur u jkompli li s-sewwieq tfixkel u waqa' bil-mutur.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq numru ta' ilmenti f'aggravju ewlieni u jibda billi jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-prinċipji legali. Jgħid li jekk wieħed janalizza bir-reqqa l-provi mressqa b'riferenza għall-affidavit ta' PC 1466 Charlie Curmi li fih dikjarazzjonijiet tal-*parte civile* tat-12 ta' Novembru 2022 u dik tal-appellat tal-21 ta' Novembru 2022, ir-rapporti tal-Pulizija, ix-xiehda tal-*parte civile* nkluż ir-ritratti minnu eżebiti, iċ-ċertifikat ta' Dr. John Bondin, il-*case summary* tal-*parte civile* kif ukoll ix-xiehda tal-appellat wieħed jinduna x'kienet id-dinamika tal-inċident.

Illi rigward id-data tal-inċident, l-appellant Avukat Ġenerali jgħid li ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti u ċioè li l-*parte civile* nsista li d-data tal-akkadut kienet it-8 ta' Novembru 2022 minflok is-7 ta' Novembru 2022. Isemmi li fil-bidu tax-xiehda tiegħu l-*parte civile* semma li d-data kienet is-7 ta' Novembru 2022 waqt li aktar 'il quddiem għal darba waħda jsemmi d-data tat-8 ta' Novembru 2022. L-appellant jisħaq li dan ma jfissirx li l-*parte civile* nsista

dwar id-data (kif tgħid l-Ewwel Qorti) anzi jsemmi li d-data kienet it-8 ta' Novembru 2022. Jirreferi għax-xiehda mogħtija mill-*parte civile* fejn jispjega l-effetti tal-inċident fuqu u jsemmi wkoll iċ-ċertifikat ta' Dr. Bondin fejn wieħed isib li eżamina lill-*parte civile* fit-8 ta' Novembru 2022 fis-7.00am li juri li kien hemm żball ġenwin minn naħa tal-*parte civile*.

Illi l-appellant jirreferi għal verżjoni mogħtija mill-*parte civile* u jgħid li din għandha mis-sewwa. F'dan ir-rigward jagħmel riferenza għad-dikjarazzjoni tal-istess *parte civile* li hija nkluża fl-affidavit ta' PC 1466 Charlie Curmi u fir-rapport tal-Pulizija fejn jispjega kif l-appellat laqtu bil-vettura. Jagħmel riferenza wkoll għax-xiehda mogħtija mill-*parte civile* fl-4 ta' Novembru 2024 dwar id-dinamika tal-inċident. Jirreferi wkoll għad-dikjarazzjoni mogħtija mill-appellat u li hija nkluża fl-affidavit ta' PC 1466 Charlie Curmi u fir-rapport tal-Pulizija u jkompli billi jirreferi għax-xiehda mogħtija mill-appellat fl-4 ta' Novembru 2024. Jispjega li l-*parte civile* dejjem kien konsistenti fuq il-verżjoni mogħtija minnu filwaqt li mhux l-istess jingħad għall-appellat. Jgħaddi sabiex isemmi kif fl-ewwel verżjoni l-appellat jgħid li l-mutur kien tela' fuq is-*central strip* u ħabat ma' l-arblu tad-dawl, waqt li fl-istess nifs jgħid li dan il-mutur kien f'nofs it-triq tal-karreġġjata ta' barra. Isemmi li fix-xiehda mogħtija minnu l-appellat jibdel il-verżjoni billi jsemmi li l-mutur tela' fuq l-istrixxa ċentrali u parti fit-triq u wara li l-*parte civile* telaq ħalla biċċa mill-mutur fuq l-istrixxa ċentrali u parti fil-karreġġjata. Wara jkompli li l-vetturi li kien hemm fuq il-karreġġjata ta' barra waqfu minħabba li l-mutur kien fin-nofs. Jgħid li l-verita' hija li l-mutur kien fin-nofs tal-karreġġjata ta' barra kif iddikjaraw kemm il-*parte civile* kif ukoll l-appellat fl-aħħar verżjoni minnu mogħtija. B'riferenza għar-ritratti li hemm fl-atti proċesswali, l-appellant Avukat Ġenerali jgħid li dawn jindikaw li l-mutur kien fit-triq u mhux fuq l-istrixxa ċentrali. Isemmi wkoll li l-appellat ammetta li l-ewwel darba li ra l-mutur kien meta dan għadda minn ħdejh.

Illi l-appellant jgħid li fil-fehma tiegħu l-*parte civile* huwa aktar kredibbli u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għall-Artikoli 637 u 638 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li kieku l-*parte civile*

tfixkel huwa kien jitkaxkar fit-triq u mhux jolqot l-arblu tad-dawl li kien fil-ġenb tat-triq. Jispjega li la l-*parte civile* ħabat irkopptu mal-arblu dan tkaxkar dijagonalment u li dan ifisser biss li ġie milqut mill-appellat. Itenni li l-appellat kien qed isuq fuq il-karreġġjata tax-xellug u li hekk kif il-*parte civile* kien qed jaqleb l-karreġġjata wara li xegħel l-*indicator* u kien wasal fin-nofs tat-triq, l-appellat qaleb il-karreġġjata mingħajr ma xegħel l-*indicator* u laqat il-mutur tal-*parte civile* fil-ġenb fuq wara u b'hekk il-*parte civile* tkaxkar ma' l-art u ħabat irkopptu ma' l-arblu tad-dawl.

Illi l-appellant itenni li fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet dak li għandha tistħarreġ il-Qorti huwa jekk is-sewqan tal-appellat kienx jaqa' fil-parametri ta' dak li l-liġi sejjaħ bħala sewqan traskurat u perikoluż *ai termini* ta' Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Jagħmel riferenza għal Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq u jisħaq li l-appellat kellu l-obbligu li jżomm *a proper lookout*. Jgħid li kellu joqgħod attent u jikkonferma l-pożizzjoni tal-*parte civile* u ta' kwalunkwe vettura oħra. Jisħaq li dan ma sarx mill-appellat hekk kif konfermat minnu stess meta stqarr li l-ewwel darba li ra l-mutur tal-*parte civile* kien meta dan għadda minn ħdejh.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jtenni li s-sewqan tal-appellat kien traskurat u perikoluż minħabba li: (a) ma żammx a *proper look out*, (b) is-sewqan ma laħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza, u (ċ) l-appellat kiser Regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll numru ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq.

Illi l-appellant itenni li l-appellat ma kienx attent sabiex jara minn kien ġej minn warajh iżda qabad u qaleb il-karreġġjata f'daqqa waħda mingħajr indikazzjoni ta' xejn biex b'hekk kien ta periklu għal *parte civile*. Jisħaq li b'hekk jirriżultaw ippruvati l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Illi rigward ir-raba' (4) imputazzjoni, l-appellant Avukat Ġenerali jsemmi li din hija bbażata fuq Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-element formali ta' dan ir-reat huwa l-istess bħal Artikolu 225 tal-istess Kapitolu msemmi u jirreferi għal ġurisprudenza sabiex jispjega l-elementi li jippruvaw dan ir-reat. Ikompli billi jirreferi għal fatt li l-appellat beda jaqleb il-karreġġjata f'daqqa mingħajr ma żamm *a proper look out* bħal ma huwa mistenni minn sewwieq diliġenti qabel ma jibdel il-karreġġjata. Jgħid li f'dan il-każ tirriżulta dik ir-rabta bejn l-event dannuż li għalkemm kien prevedibbli ma ġiex previst u l-imġieba negliġenti tal-appellat. Itenni li kieku dan ta' l-aħħar żamm *a proper look out* kien ikun f'pożizzjoni li jara lill-*parte civile* ġej bil-mutur b'dana illi kien jevita l-event dannuż li kien prevedibbli. Isemmi wkoll il-fatt li ċ-ċertifikat rilaxxat minn Dr. John Bondin ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament iżda dan ma jfissirx li l-kontenut mhux minnu.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti (*a fol.* 86):

> "Illi hemm inċertezza rigwardanti d-data tal-inċident fejn Kevin Brincat jinsisti li seħħ fit-8 ta' Novembru 2022 filwaqt li l-imputazzjoni tindika is-7 ta' Novembru 2022. Fil-kamp kriminali l-provi jridu jkunu *"beyond a reasonsable doubt"* u din id-diskrepanza fid-dati ma tissodisfax dan il-grad u b'hekk isegwi li l-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu."

Illi din il-Qorti tinnota li fix-xiehda minnu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti meta fil-bidu tad-depożizzjoni tiegħu l-*parte civile* ġie mistoqsi jgħid jekk jiftakarx id-data huwa wieġeb (*a fol.* 26): *"Kien it-Tnejn 7 ta' Novembru 2022"* b'dan illi aktar tard tul id-depożizzjoni tiegħu meta huwa ġie mistoqsi jgħid jekk kellux jagħmel xi ħaġa minħabba ksur fl-irkoppa, huwa wieġeb hekk (*a fol.* 32): *"8$^{th}$. November il-ġurnata tal-accident kien Monday u l-operazzjoni xi 4 t'ijiem wara saret kull darba jipposponuwieli."*

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li s-7 ta' Novembru 2022 kien il-ġurnata tat-Tnejn, fir-rapport tal-Pulizija hemm identifikata d-data tas-7 ta' Novembru 2022 bħala d-data tal-akkadut. Kif jgħid l-

Avukat Ġenerali (u kif *del resto* ingħad hawn fuq) fil-bidu tad-depożizzjoni tiegħu l-*parte civile* semma d-data t-tajba ta' meta seħħ l-akkadut ossia s-7 ta' Novembru 2022. Apparti minn dan, din il-Qorti tikkunsidra li meta l-*parte civile* semma d-data tat-8 ta' Novembru 2022 huwa kien qed iwieġeb fil-kuntest tal-mistoqsija li kienet għadha kemm saritlu u ċioè x'kellu jagħmel minħabba l-ksur u allura kienet diġa' proġettata għal wara l-inċident. Tenut kont ta' dan, inkluż il-fatt li l-akkadut seħħ madwar sentejn qabel, din il-Qorti hija tal-fehma li l-parti tal-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali fir-rigward tad-data hija mistħoqqa. Iżda dan ma jfissirx awtomatikament li t-teżi tal-*parte civile*, u ċioè li l-appellat saq b'mod traskurat u perikoluż u kkawża l-inċident, għandha tintlaqa'.

Illi dwar iċ-ċertifikati mediċi li jirriżultaw fl-atti proċesswali, din il-Qorti hija konvinta mill-ġenwinita' tagħhom u dan minkejja li ma humiex maħlufa. Dwar dan, din il-Qorti tirreferi b'mod partikolari għaċ-ċertifikat maħruġ fit-12 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 10) fejn Dr. John Bondin iċċertifika li nvista lill-*parte civile* fit-8 ta' Novembru 2022. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Farrugia** (Numru 529/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Illi din il-Qorti ma tħossx li ċertifikat mediku għandu jiġi dejjem konfermat bil-ġurament sabiex jintuża bħala prova però f'każ li jkun hemm allegazzjonijiet oħra bħal per eżempju dati differenti, post fejn sar l-eżami ma jkunx l-istess, nuqqas ta' deskrizzjoni ta' feriti jekk humiex ħfief jew gravi, ma x'hiex huma kompatibbli l-feriti, jekk humiex friski jew le jkun hemm bżonn li t-tabib jitħarrek bħala xhud sabiex iwieġeb għal dawn id-domandi bl-intiża li tali prova dokumentarja ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant u jkun jista' jitnrabat mal-provi l-oħra biex tinħoloq katina sħiħa."

Illi għalhekk din il-Qorti ser tqis iċ-ċertifikat mediku aktar 'il fuq imsemmi bħala ġenwin u rappreżentattiv tal-ġrieħi li sofra l-*parte civile.*

Illi din il-Qorti tinnota li l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet jaqblu biss fuq il-fatt li l-*parte civile* kellu inċident. Ir-rakkont dwar id-dinamika huwa għal kollox differenti. Għalhekk din il-Qorti trid tibda billi tasal għal konklużjoni dwar liema verżjoni hija sejra temmen. Il-*parte civile* jgħid li t-tort tal-inċident huwa tal-appellat waqt li l-appellat jgħid li lanqas kien hemm ħabta miegħu u li l-*parte civile* tfixkel u seħħ l-inċident. Minn naħa tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jgħid li l-verżjoni tal-*parte civile* għandha titwemmen.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa l-provi li jirriżultaw fl-atti proċesswali u tinnota li l-*parte civile* jisħaq li l-appellat laqat il-mutur tiegħu u skont hu kien minħabba f'hekk li huwa waqa'. Iżda din il-verżjoni ma ssibx suffraġju fil-provi. Jidher mir-rapport tal-Pulizija li meta spezzjonaw il-vann tal-appellat dan ma kellu l-ebda ħsara. Anke mir-ritratt li jinsab *a fol.* 40 ma jidher l-ebda ħsara fil-vann. Dwar dan din il-Qorti tikkunsidra li kieku l-vann laqat il-mutur misjuq mill-*parte civile* xi forma ta' girfa tal-anqas kellu jkun hemm. Fl-aħħar mill-aħħar jew il-*bumper* ta' kulur iswed jew iż-żebgħa bajda tal-vann kienu jingirfu żgur u mhux kif jgħid il-*parte civile* li tali girfa titneħħa faċilment. Għalhekk dak li jgħid l-appellant Avukat Ġenerali u ċioè li d-dinamika tal-inċident turi li l-appellat laqat il-mutur misjuq mill-*parte civile* ma tirriżultax mill-provi. Meqjus dan tieħu aktar piż il-verżjoni mogħtija mill-appellat meta mqabbla ma' dak li jgħid il-*parte civile.* Apparti minn dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku vera li l-appellat laqat il-parti ta' wara tal-mutur dan kien idur u jispiċċa quddiem il-vettura ta' l-appellat u mhux jispiċċa fis-*central strip.* In vista ta' dan din il-Qorti ser temmen il-verżjoni mogħtija mill-appellat rigward id-dinamika tal-inċident.

Illi l-*parte civile* jgħid ukoll li l-manuvra tal-appellat kienet bla pre-avviż u li huwa kien kważi diġa' qabeż il-vann tal-appellat. Jgħid li l-vann tal-appellat qaleb f'daqqa. Mir-ritratt li jinsab *a fol.* 40 din

il-Qorti tinnota li l-linja tad-direzzjoni tal-vann hija fit-tul u ma hijiex manuvra li tidher azzardata jew improvisa. Kieku dan qabad u qaleb kif jgħid il-*parte civile* din il-Qorti kienet tistenna li l-linja tad-direzzjoni tal-vettura kienet tindika bidla fid-direzzjoni aktar aggressiva.

Illi in tema ta' sorpass din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Mallia** (Numru 142/2004) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> **"L-"overtaking" ġie trattat "in extenso" fl-Appell Kriminali:** "Il-Pulizija vs. Spiro Zammit" **[14.2.1962]. Din il-Qorti kien hemm osservat li ma hemmx dubju li l-manuvra tas-sorpass hi delikata u tali li tixhed fuq id-*driver* tal-vettura li jkun qed jissorpassa obbligi aktar gravi. Dan ma jfissirx pero' , li s-sorpass hu projbit imma biss li għandu jsir bil-prudenza meħtieġa. Il-Qorti kienet iċċitat b'approvazzjoni lil** CHARLESWORTH **("The Law of Negligence" p. 78):- *"The driver or rider of an overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so …"* u lil** *GIBB* **("The Trial of Motor Car Accident Cases"):- *"He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety.""***

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eleanor Magro** (Numru 441/2008) fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet hekk:

> "Il-ġurisprudenza tagħna dwar is-sorpass hija din:
>
> 'Regola importantissima għas-sorpass huwa li dan għandu jsir b'sikurezza (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**, (Koll. Vol. XLIII p. 1001). Kif ġie osservat fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Ripard**

(Kollez. XXXVI p. 749), il-kwistjoni ta' *overtaking* tista' tieħu aspett ferm speċjali fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-lokalita'. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. S.A.C.J. Agius**, il-Qorti osservat li *overtaking* ikun perikoluż li jsir meta *driver* prudenti jista' jipprevidi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tibdel ir-rotta.

Fil-kawża ċivili **Bord vs. Ciantar** deċiża *in parte* fid-9 ta' Novembru 1968, il-Qorti rreteniet illi l-onus tal-prova li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem kien negliġenti u bin-negliġenza tiegħu kkaġuna l-kolliżjoni jaqa' fuq is-sewwieq tal-*overtaking vehicle*. Fil-Highway Code, fir-rakkomandazzjoni numru 74, insibu li fejn m'għandux isir *overtaking* insibu *'if in doubt – hold back.'* U fir-rakkomandazzjoni numru 71 insibu *'Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others.'*[1]"

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li l-*parte civile* ma qisx ir-riskji marbuta mal-manuvra li kien qed iwettaq stante li huwa spiċċa mal-art mingħajr ma ntlaqat mill-vettura tal-appellat. Għalkemm huwa minnu wkoll li l-appellat kien qed iwettaq manuvra ta' sorpass kif ukoll jammetti li ma rax il-mutur qabel ma raħ għaddej minn ħdejh minkejja li jgħid li kien ħares mill-mera qabel ma' qala. Magħdud dan iżda daqshekk ieħor, fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li l-*parte civile* waqa' waħdu. Huwa jispjega li kien kważi qabeż lill-appellat meta dan beda jibdel il-*lane* għalhekk din il-Qorti ma tarax kif dan seta' kien il-kawża tal-waqa' tal-*parte civile*.

Illi punt ieħor li ħasseb lil din il-Qorti huwa ta' kif ġab ruħu l-*parte civile* wara l-inċident minkejja li l-mutur li kien qed jirkeb u li kien involut fl-inċident ma kienx tiegħu iżda kien tax-xogħol. Fit-tajjeb u fil-ħażin il-mutur in kwistjoni ġarrab xi ħsarat żgur. Lanqas tagħmel sens il-verżjoni mogħtija minnu rigward ir-raġuni għalfejn ried jitlaq minn fuq il-post meta huwa jgħid li ried imur l-

[1] "**Jurgen W. Dobler vs. Anthony Caruana**, Qorti tal-Appell Ċivili 5 ta' Ottubru 1998 paġna 513."

isptar iżda f'punt ieħor jgħid li ma kienx daqshekk imweġġa. Din il-Qorti hija propensa temmen it-tieni verżjoni minħabba li l-*parte civil* jgħid li mar ix-xogħol, ħalla l-mutur u kien biss wara dan, li skont huwa, ommu marret għalih ix-xogħol u ħaditu l-isptar. Dilungar dan li persuna muġugħa żgur li ma kinitx sejra tissaporti. Għalhekk f'għajnejn din il-Qorti ma tagħmilx sens l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile*.

Illi minn naħa l-oħra din il-Qorti tinnota li l-verżjoni mogħtija mill-appellat hija lineari u ma fijiex wisq dawrien. Mir-ritratt li hemm *a fol.* 40 jidher biċ-ċar li meta l-mutur kien qed jiġi merfugħ kien fil-ġenb tat-triq u allura kien in parti fin-nofs tat-triq u in parti fuq is-*central strip*. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant Avukat Ġenerali meta jgħid li l-verżjoni mogħtija mill-appellat hija kontradittorja stante li xi ftit il-mutur tela' fuq is-*central strip* tal-anqas *in parte*. Mir-ritratt jidher ukoll li s-*central strip* hija kemmxejn dejqa u għalhekk tagħmel sens il-verżjoni mogħtija mill-appellat.

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tqis il-parti tal-aggravju fejn l-appellant Avukat Ġenerali jargumenta li l-imġieba tal-appellat tikkwalifika bħal sewqan negliġenti u perikoluż, dan dejjem fil-kuntest ta' dak li din il-Qorti ikkunsidrat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Mallia** (Numru 142/2004) li diġa' saret riferenza għaliha aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn ingħad is-segwenti:

> "**Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' *"Degree"*. (App. Krim.** Pul. vs. Charles Bartolo **14.3.59**; Pul. vs. Wilson, **Vol. XXXIX p. 1018 u** Pul. vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham, **19.10.1963). Ġie ukoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' "*recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia

**XXXIX p. 1018).** ***"Recklessness"* ġiet defenita bħala *"wilfully shutting one's eye"*. (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.** Pul. vs. Antonio Spiteri**, Vol. XLIV , p. 892).**

**Illi kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**" (Kollez. Vol. XXXVII, iv. p. 1217)** ***"għandu jiġi eżaminat x'kienet il-kawża prossima tal-ħabta"* u *"Sabiex ikun hemm responsabbilta' għall-kolliżjoni jinħtieġ li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawża prossima tal-kolliżjoni."* (Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef**" [3.12.1960]).** ***"Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali għandhom indubbjament l-importanza tagħhom imma ma humiex biżżejjed biex jistabbilixxu l-ħtija tal-kolliżjoni."* (Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. V. Pavia**" (Kollez. Vol. XXXVI, iv. p. 744).** ***"Il-fatt li driver ikun isuq fuq il-"crown of the road" kontra r-regolamenti ma hux deċiżiv għas-soluzzjoni ta' kwistjoni dwar liema driver huwa ħtija tal-kolliżjoni li tigri."* (Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Anthony Galea**" Kollez. Vol. XXXVII, iv. p. 1137).**

**Illi kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. P. Vassallo**" (Vol. XXXVIII, iv p.883),**

***"Il-"contributory negligence" ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-*KAWŻA UNIKA *(emfasi ta' din il-Qorti) tas-sinistru."***

**F'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel sewwieq ieħor, amenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut** UNIKAMENT u ESKLUŻIVAMENT **għal ħtijiet da parti tas-sewwieq l-ieħor. (Ara. App. Krim.** Pul. vs. Gaetano Schembri **(16.3.61);** Pul. vs. John Polidano

> **(3.11.63);** Pul. Vs. Rev. C. Mifsud.**" (Vol. XXXVII, iv. p.1131) u oħrajn.).**"

Illi meta l-verżjoni mogħtija mill-appellat tiġi mqabbla ma' dik mogħtija mill-*parte civile* din il-Qorti ma tirriskontrax raġunijiet għalfejn għandha tqis is-sewqan tal-appellat bħala perikoluż jew traskurat. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, bil-kontra ta' dak li jgħid l-appellant Avukat Ġenerali, l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat allura imputat ma jirriżultawx li ġew pruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali bil-konsegwenza li din il-Qorti ser tiċħad l-argumenti mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu u dana għajr għall-argument fir-rigward tad-data tal-akkadut hekk kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata bil-mod kif hawn fuq deċiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**